MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Numru 127/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Silvio Valletta)**
**(Spt. Maria Sella Attard)**
**vs**
**Horace Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Horace Azzopardi** ta' 39 sena, bin Carmelo u Frances nee' Caruana, mwieled Pieta nhar it-12 ta' Frar, 1965, residenti f'Block 6F/15, Triq id-Deheb Fin, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 141865(M);

a. Talli nhar il-15 ta' Frar, 2004, fl-10 ta' bil-lejl, fi Triq id-Deheb Fin, Qormi bil-hsieb li jaghmel reat u cioe' li joqtol lil Emanuel Schembri jew li qieghedlu hajtu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi permezz ta' arma tan-nar

(senter) spara tir fid-direzzjoni tieghu liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu;

b. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq il-vettura ta’ l-ghamla Cortina bin-numru ta’ registrazzjoni GAA-479 ghad-dannu ta’ Emanuel Schembri liema hsara taccedi Lm50 (hamsin lira Maltin) izda anqas minn Lm500 (hames mitt lira Maltin);

c. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bil-fomm, ta’ ordni u pogga taht kundizzjoni lil Emanuel Schembri u Doris Cachia;

d. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr arma tan-nar (senter) meta ma kinitx fl-ghata taghha waqt li kont fi triq;

e. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi spara arma tan-nar (senter) f’post pubbliku;

f. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

g. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor;

Rat l-artikoli tal-avukat generali li permezz taghhom baghat lill-imputat sabiex ikun iggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 214 sa 218, 325 (a), 339 (b), 338 (m), 17 (b) (c), 20, 23 u 533 tal-Kap 9; 3, 9, 19, 26 u 27 tal-Kap 66 u 22 (2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kap 33.

Rat in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz, Emanuel Schembri, il-vittma, xehed illi dakinhar tal-incident ghall-habta tal-10.00pm kien qed jipparkja l-vettura tieghu biex imur jorqod ghand persuna li tiehu hsiebu peress illi kien ibati b’qalbu u kien jghix wahdu. Gara illi laqat vettura ipparkjata u f’daqqa wahda sema’ tir u tbaxxa u l-hgieg tal-vettura tkisser. Meta hareg mill-karozza, l-imputat kellu mieghu erba irgiel ohra u qal lil vittma li kien ser joqtlu talli laqatlu l-vettura tieghu u talbu Lm250 u l-vittma qalu li ghal daqshekk setghu jirrangaw. Il-vittma wera lill-imputat fejn kien joqghod sabiex ikun jista’ jhallsu l-Lm250 li talbu u dan minghajr ma kien jaf jekk ghamillux hsara fil-vettura tieghu izda ried jehles mill-inkwiet u wieghdu li jhallsu l-ghada tant li l-ghada stess ghadda s-somma lill-habiba tieghu biex ittihom lill-imputat. Ghalhekk il-vittma ha lill-imputat u erba ohra li kienu mieghu ghand il-persuna li kienet tiehu hsiebu biex jurih li ma kienx ser jidhaq bih. Malli sid il-fond fethet il-bieb, l-imputat heddidha u qalilha li ser joqtolha ukoll;

Doris Cachia ikkonfermat illi dakinhar kienet qed tisma’ r-radju meta habbat il-bieb u mar jiftah binha. Hi semghet lil xi hadd jistaqsi jekk dan, riferibilment Emanuel Schembri, kienx missieru, u semghatu jistaqsi ghal ommu. Dan kien l-imputat li qatt ma kienx rat qabel u dan kien imdawwar b’erba ohra. L-imputat staqsiha jekk kienitx mart il-vittma u Emanuel Schembri dahal jidgeddes f’rokna. L-imputat beda jiddiskrivi l-hsara li kellu u Doris Cachia ssugeriet li jgibu lill-pulizija. L-imputat irrifjuta u insista li jinghata Lm250. Dak il-hin, l-vittma informa lill-Doris li xi hadd kien spara fuqu u l-imputat ikkonferma maghha li kien hu stess li spara. Hu hedded li joqtol lil Schembri jekk ma jinghatax il-Lm250 u l-istess theddida ghamilha ukoll lil Doris Cachia. Din lahqet marret il-bank l-ghada fejn harget Bank Draft fl-ammont ta’ Lm250 pagabbli lill-imputat izda din ma lahqitx ikkonsenjatulu ghaliex kienu baghtu ghaliha l-Pulizija. Hija ma rieditx tmur l-ghassa ghax bezghet li jarawha miexja fit-triq.

Iben Doris Cachia, li dakinhar fetah il-bieb, gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien akkumpanja lil Emanuel Cachia u talbu l-Lm250.  Dan ikkonferma ukoll li l-imputat estenda t-theddida ta' qtil versu ommu jekk ma jithallasx.

L-espert mekkaniku nominat fl-inkjesta xehed illi l-vettura tal-vittma kellha hsara fil-bieba tad-driver u tal-passiggier kawzati b'comb meta ezamina l-vettura kien hemm ukoll skartocc.  Il-hsara kienet tammonta ghal-Lm135;

L-espert forensiku nominat mill-Magistrat Inwkirenti irrelata illi wara ezamijiet maghmula fuq kampjuni intimi minn fuq l-imputat ma rrizulta ebda sinjal ta' gunshot residue.  Jirrizulta illi l-incident sehh fil-15 ta' Frar 2004 filwaqt illi l-kampjuni intimi u ohrajn mhux intimi ittiehdu minn fuq l-imputat fis-16 ta' Frar, 2004 fis-6.30pm

Ufficjal tal-Pulizija mill-Weapons Section ikkonfermat illi l-imputat ma ghandu l-ebda licenzja biex igorr armi tan-nar.

Ikkunsidrat:

Illi bhala parti mill-provi f'din il-kawza hemm process verbal ta' inkjesta fejn xehdu l-istess partijiet li semghet din il-Qorti.  Inkluz ma dan il-process verbal hemm ukoll relazzjoni ta' perit legali nominat mill-Magistrat Inkwirenti izda l-konkluzzjonijiet tal-istess perit legali qed ikunu injorati minn din il-Qorti peress, kif diga kellha okkazzjoni tiddikjara, l-kawza kontra imputat issir in Awla u mhux f'ghassa tal-pulizija minn perit legali jew tekniku wara li jkun sema dawk ix-xhieda li tkun ressqet il-pulizija.  Ix-xhieda jinstemghu bl-iskop uniku li tkun prezervata d-deposizzjoni taghhom u mhux biex, bhal f'dan il-kaz, il-perit legali jiggudika, bhalma ghamel, dwar konsistenza jew inkonsistenza ta' xhieda u li kien l-imputat responsabbli ghal din l-isparatura.  Di piu, illum huwa pacifiku illi sakemm ma jkunx hemm htiega ta' nomina ta' espert tekniku, ma jistax jkun nominat perit legali biex jiehu d-deposizzjoni tax-xhieda izda f'kaz li jkun hemm nomina ta' espert tekniku, dak l-espert jista' jkompli bl-inkarigu tieghu biex jisma ukoll tali xhieda.  F'dan il-kaz kien nominat avukat biex jisma ix-xhieda u jirrelata dwar il-

kaz (ara fol. 17 [fol. 2 tal-process verbal] paragrafu 2. fejn kien nominat ”Dottor Shaheryar Ghaznavi sabiex bhala perit legali jikkonstata l-fatti b’kull mezz li jidhirlu xieraq u jirrelata bil-miktub dwar ir-rizultanzi tieghu lil din l-onorabbli Qorti);

Illi inoltre, l-prosekuzzjoni esebiet stqarrija tal-imputat fejn dan ikkonferma li kien talab is-somma ta’ Lm250 lill-vittma bhala hsara fil-vettura tieghu izda cahad li qatt spara xi arma fid-direzzjoni tal-vittma.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja l-ewwel akkuza dedotta kontra l-imputat ghall-attentat ta’ omicidju ta’ Emanuel Schembri, l-avukat generali naqas milli jindika l-artikoli pertinenti ghal din l-akkuza u ghalhekk din il-Qorti ma tistax’ tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha u qed tillibera lill-imputat minn din l-akkuza;

L-avukat generali izda indika l-artikoli 214 sa 218 tal-Kap 9. Minkejja dan, ma ngiebet ebda prova ta’ ferita gravi jew hafifa fuq il-vittma. Ic-certifikat mediku esebit a fol. 109 juri li l-vittma qed ibghati minn ansjeta izda sia dan ic-certifikat kif ukoll il-vittma ma jghidu li l-vittma sofra xi ferita f’dan l-incident. Ghalhekk in mankanza ta’ provi , l-akkuzi kif ravvizati fl-artikoli 214 sa 218 tal-Kap 9 ma jirrizultawx u l-imputat qed ikun illiberat minn dawn l-akkuzi;

Illli dwar l-akkuza ta’ hsara volontarja fuq il-vettura tal-vittma, din hija aleccjata mal-kumpless tal-provi dwar l-isparatura. Irid jinghad illi fl-ewwel lok il-vittma ma ra lil hadd jispara xi arma tan-nar. Fit-tieni lok l-vittma jghid li l-imputat stqarr mieghu li kien hu li spara l-arma izda minkejja dan ma nstab l-ebda gunshot residue fuqu. Il-prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda arma tan-nar u minkejja li l-isparatura verament sehhet, ma hemm ebda prova li din originat mill-imputat li dak il-hin kien imdawwar b’erba min-nies ohra. Il-grad ta’ prova rikjesta mil-ligi ma kienitx raggunata sia dwar il-garr u sparatura tal-arma kif ukoll il-hsara kagunata fil-vettura tal-imputat bl-isparatura tal-

istess allegata arma. Ghalhekk dwar dawn l-akkuzi l-imputat ukoll qed ikun liberat.

L-unici akkuzi li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova huma dawk ta' theddid u ksur ta' mistrieh tan-nies bil-lejl meta l-imputat acceda fil-fond ta' Doris Cachia u hemmhekk hedded lill-vittma u lill-istess Doris Cachia. Ghalhekk filwaqt illi issib lill-imputat hati tar-raba u s-seba akkuzi, ma ssibux hati tal-akkuzi kollha l-ohra u tilliberah minnhom;

Wara li rat l-artikoli 339 (b) u 338 (m) tal-Kap 9, u rat il-fedina penali tal-impuat, tikkundannah ghal-hlas ta' ammenda ta' Lm25 fuq ir-raba akkuza u ammenda ta' Lm25 fuq is-seba akkuza. Inoltre tobligah ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lill-Emanuel Schembri u/jew lill Doris Cachia fuq penali ta' Lm100 multa fin-nuqqas ghal-zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------